

Brussell, 9 ta' Ottubru 2018
(OR. en)

12945/18

TELECOM 329
TRANS 437
FIN 771

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
fi:	9 ta' Ottubru 2018
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 1)/Kunsill
Nru. dok. preċ.: Suġġett:	12169/1/18 REV 1 TELECOM 291 TRANS 385 FIN 664 Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Speċjali Nru 09/2018 mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri: "Sħubiji Pubbliċi-Privati fl-UE: Nuqqasijiet mifruxa u benefiċċji limitati" - Konklużjonijiet tal-Kunsill (9 ta' Ottubru 2018)

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Speċjali Nru 09/2018 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri: "Sħubiji Pubbliċi-Privati fl-UE: Nuqqasijiet mifruxa u benefiċċji limitati", adottati mill-Kunsill (Ambjent) fit-3640 laqgħa tiegħu li saret fid-9 ta' Ottubru 2018.

KONKLUŻJONIJIET TAL-KUNSILL

**dwar ir-Rapport Speċjali Nru 9/2018 mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri:
"Sħubiji Pubbliċi-Privati fl-UE: Nuqqasijiet mifruxa u benefiċċji limitati"**

II-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

WAQT LI JFAKKAR

– fil-konklużjonijiet tiegħu dwar it-titjib tal-eżami tar-rapporti speċjali mfassla mill-Qorti tal-Awdituri fil-kuntest tal-proċedura ta' kwittanza¹;

1. JIEĦU NOTA tar-Rapport Speċjali Nru 09/2018 mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri bl-isem: "Sħubiji Pubbliċi-Privati fl-UE: Nuqqasijiet mifruxa u benefiċċji limitati"²;
2. JIEĦU NOTA tal-konklużjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet tar-Rapport Speċjali u JAGĦRAF b'mod partikolari li:
 - l-iżvilupp ta' diversi proġetti awditjati kellu dewmien u ineffiċjenzi;
 - f'xi każijiet, ix-xenarji ta' ppjanar kienu bbażati fuq analiżijiet li ssopravvalutaw id-domanda futura għall-infrastruttura l-ġdida;
 - id-deċiżjoni li tintgħażel il-forma ta' PPP mhux dejjem kienet ibbażata fuq analiżi ddettaljata tal-opzjonijiet u r-riskji;
 - il-livell ta' servizz u l-livell ta' manutenzjoni tal-infrastruttura l-ġdida huma ġeneralment għoljin.
3. JIEĦU NOTA tat-tweġibiet tal-Kummissjoni li jakkumpanjaw ir-Rapport Speċjali u n-nuqqas ta' qbil tal-Kummissjoni rigward ir-Rakkomandazzjoni Nru 5.

¹ Dok. 7515/00 + COR 1.

² Dok. WK 6764/2018 INIT

4. JINNOTA li d-deċiżjoni mill-Istati Membri li jiżviluppaw il-proġetti fil-forma ta' PPP minflok akkwist pubbliku tradizzjonali setgħet irriżultat, f'ċerti każijiet, f'nefqa pubblika ogħla għall-istess livell ta' servizz ipprovdut.
5. JINNOTA li bosta mill-konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet mhumix esklussivi għall-iżvilupp ta' proġetti skont mudell ta' PPP u jseħħu fl-iżvilupp ta' proġetti ta' infrastruttura irrispettivament minn jekk ikunx mudell ta' PPP jew akkwist tradizzjonali għal infrastruttura.
6. JAGĦRAF li l-Istati Membri diġà ħadu passi biex jiksbu evalwazzjoni aħjar ta' proġetti qabel ma jiddeċiedu li jagħżlu l-forma ta' PPP.
7. JILQA' l-fatt li l-Kummissjoni bdiet tirrifletti dwar modi kif jistgħu jiġu ssimplifikati r-regoli ta' implimentazzjoni u s-sistemi ta' ġestjoni għall-Qafas Finanzjarju Pluriennali li jmiss b'mod ġenerali u li s-simplifikazzjoni tal-istrumenti kollha ta' nfiq, inklużi għotjiet u strumenti finanzjarji, hija objettiv primarju.
8. JISTIEDEN lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni biex joqogħdu attenti għar-rakkomandazzjonijiet tar-Rapport Speċjali u jħeġġiġhom jeżaminaw bir-reqqa dawk ir-rakkomandazzjonijiet.
